MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 270/2010

**Brian Vella u Ronald Attard ezercenti l-kummerc bl-isem V & A Services**

**Vs**

**Transline Co. Limited (C26980)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-27 ta’ Lulju 2010, permezz ta’ liema l-atturi talbu lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallashom is-somma ta’ tlett elef u hames mitt Euro (€3500) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ erba’ (4) vetturi w cioe’ Sedan Atkinson bin-numru ta’ registrazzjoni VAS 001, Isuzu Elf bin-numru ta’ registrazzjoni KBI 316, Sedan Atkinson bin-numru ta’ registrazzjoni Ingliz MI 93 LOC bix-chassis numru 91987, u Sedan Atkinson bin-numru tar-registrazzjoni Ingliz R 615 YWB bix-chassis numru 95931, liema vetturi gew lilha mibjugha w konsenjati mill-atturi permezz ta’ skrittura

privata datata sebgha (7) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008) redatta quddiem in-Nutar Dr. William Azzopardi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelarotrju bin-numru 2773/2010 ipprezentat kontestwalment mal-avviz u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data li fiha kellhom isiru l-pagamenti relattivi ai termini tal-iskrittura fuq indikata sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni .

Rat illi s-socjeta’ konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Joseph Schembri datata 5 ta’ Awwissu 2010 a fol. 4 tergo tal-process.

Illi fis-seduta tat-10 ta’ Novembru 2010 l-atturi pprezentaw kapitolu fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2010 is-socjeta’ konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici w lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-atturi jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba tal-atturi w tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ tlett elef u hames mitt Euro (€3500) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kif mitluba mill-atturi fir-rikors promotur u bl-imghaxijiet dekorribli mid-data li fiha kellhom isiru l-pagamenti relattivi ai termini tal-iskrittura fuq indikata, jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------